MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2008

Numru. 726/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Marlon Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marlon Zarb ta’ 19-il sena, bin Robert u Marceline nee’ Portelli, imwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Ottubru 1988 u joqghod fil-fond numru 43, Anne Court Flat 4, Triq Nazju Ellul, Gzira, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ numru 486288 (M).

Akkuzat talli nhar is-06 ta’ Awissu 2008, ghall-habta tal-hamsa ta’ wara nofs inhar (17:00 hrs), gewwa Triq Tas-Sliema, Gzira,

a) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied,
b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe ta' l-Ispettur Keith Arnaud u ta' PS 1214 Lee Julian Dimech, jew ma halliex jew fixkel waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali jew ta' Ligi ohra,
c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra George Barbara,
d) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra George Barbara sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara, lilu jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali,
e) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil George Barbara ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni,
f) U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, waqt li kien fil-pubbliku, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal Artiloki 338(bb) u 342 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat l-artikoli 338(bb), 338(dd), 338(ee), 339(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li f'l-ewwel udjenza mizmuma l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum fejn l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-parte leza hafer lill-imputat u li rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet addebietati lill-imputat, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt li l-fedina penali ta'l-imputat hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(bb), 338(dd), 338(ee), u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn taht il-kundizzjonijet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz li ma javvicinax, ma jkelliemx jew b'xi mod idejjaq jew jimmolesta lil George Barbara; stante rinunzja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, ir-raba, u l-hames imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati Marlon Zarb fi kliem car ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------